Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2022/0147(COD)

25.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE
(COM(2022)0204 – C9-0175/2022 – 2022/0147(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Stéphanie Yon-Courtin

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premess 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ċerti servizzi finanzjarji għall-konsumatur huma rregolati minn atti speċifiċi tal-Unjoni, li se jibqgħu japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar l-informazzjoni prekuntrattwali jew dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, huma biss id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dawk l-atti l-oħra tal-Unjoni li jenħtieġ li japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi tal-konsumatur sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk l-atti. Pereżempju, meta japplika l-Artikolu 186 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], japplikaw ir-regoli dwar il-"perjodu ta' kanċellament" stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE u mhux ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar stabbiliti f'din id-Direttiva u meta japplika l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li r-regoli dwar id-dritt ta' rtirar skont din id-Direttiva ma japplikawx. Bl-istess mod, ċerti atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi[21], fihom regoli estensivi u żviluppati mfassla biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu kapaċi jifhmu l-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt propost. Barra minn hekk, ċerti atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi, bħad-Direttiva 2014/17/UE dwar	(13) Ċerti servizzi finanzjarji għall-konsumatur huma rregolati minn atti speċifiċi tal-Unjoni, li se jibqgħu japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li meta att ieħor tal-Unjoni li jirregola servizzi finanzjarji speċifiċi jkun fih regoli dwar l-informazzjoni prekuntrattwali jew dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar, huma biss id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dawk l-atti l-oħra tal-Unjoni li jenħtieġ li japplikaw għal dawk is-servizzi finanzjarji speċifiċi tal-konsumatur sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk l-atti. ***Jenħtieġ li r-regoli settorjali jipprevalu fuq ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.*** Pereżempju, meta japplika l-Artikolu 186 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], japplikaw ir-regoli dwar il-"perjodu ta' kanċellament" stabbiliti fid-Direttiva 2009/138/KE u mhux ir-regoli dwar id-dritt ta' rtirar stabbiliti f'din id-Direttiva u meta japplika l-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li r-regoli dwar id-dritt ta' rtirar skont din id-Direttiva ma japplikawx. Bl-istess mod, ċerti atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi[21], fihom regoli estensivi u żviluppati mfassla biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu kapaċi jifhmu l-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt propost. Barra minn hekk, ċerti atti tal-

kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali[22], diġà jistabbilixxu regoli dwar spjegazzjonijiet adegwati li jridu jiġu pprovduti mill-kummerċjanti lill-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratt propost. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-regoli dwar l-ispjegazzjonijiet adegwati stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma japplikawx għal servizzi finanzjarji li jaqgħu taħt atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi li jkun fihom regoli dwar l-informazzjoni li trid tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi, bħad-Direttiva 2014/17/UE dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali[22], diġà jistabbilixxu regoli dwar spjegazzjonijiet adegwati li jridu jiġu pprovduti mill-kummerċjanti lill-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratt propost. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-regoli dwar l-ispjegazzjonijiet adegwati stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma japplikawx għal servizzi finanzjarji li jaqgħu taħt atti tal-Unjoni li jirregolaw servizzi finanzjarji speċifiċi li jkun fihom regoli dwar l-informazzjoni li trid tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

---

[19] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

[20] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

[21] Bħar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1), id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349), id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26,

[19] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

[20] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

[21] Bħar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1), id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349), id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26,

2.2.2016, p. 19), id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214)

[22] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

2.2.2016, p. 19), id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214)

[22] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34)

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premess 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu ta' mezz ta' komunikazzjonijiet mill-bogħod jenħtieġ li ma jwassalx għal restrizzjoni mhux ġustifikata fuq l-informazzjoni provduta lill-konsumatur. Fl-interess tat-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward ta' f'liema waqt l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod u kif dik l-informazzjoni jenħtieġ li tasal għand il-konsumatur. Sabiex ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu l-informazzjoni ***mill-inqas jum*** qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod. F'każijiet eċċezzjonali biss, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta inqas minn jum qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod għal servizz finanzjarju. F'każ li l-kuntratt jiġi konkluż inqas minn jum wieħed qabel, il-kummerċjant***, fil-perjodu ta' żmien stabbilit,*** jenħtieġ li jkun obbligat ifakkar lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-kuntratt mill-bogħod għal	(17) L-użu ta' mezz ta' komunikazzjonijiet mill-bogħod jenħtieġ li ma jwassalx għal restrizzjoni mhux ġustifikata fuq l-informazzjoni provduta lill-konsumatur. Fl-interess tat-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti fir-rigward ta' f'liema waqt l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod u kif dik l-informazzjoni jenħtieġ li tasal għand il-konsumatur. Sabiex ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu l-informazzjoni ***fi żmien xieraq*** qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod. F'każijiet eċċezzjonali biss, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta inqas minn jum qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod għal servizz finanzjarju. F'każ li l-kuntratt jiġi konkluż inqas minn jum wieħed qabel, il-kummerċjant jenħtieġ li jkun obbligat ifakkar lill-konsumatur ***mill-inqas jum wara u mhux iktar tard minn sebat ijiem wara l-konklużjoni tal-kuntratt***

servizz finanzjarju.

dwar il-possibbiltà li jirtira mill-kuntratt mill-bogħod għal servizz finanzjarju.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premess 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali permezz ta' mezzi elettroniċi, tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata b'mod ċar ***u*** li jinftiehem. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni tista' tiġi enfasizzata, inkwadrata u kuntestwalizzata b'mod effettiv fi ħdan l-iskrin tal-wiri. It-teknika tal-layering użata ittestjata u ppruvata li hija utli għal ċerti servizzi finanzjarji; din tuża, prinċipalment il-possibbiltà li jiġu ppreżentati partijiet dettaljati tal-informazzjoni permezz ta' pop-ups jew permezz ta' links għal layers ta' akkumpanjament, jenħtieġ li tiġi mħeġġa. Mod possibbli kif tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali huwa permezz tal-approċċ ta' "werejja" bl-użu ta' intestaturi li jistgħu jespandu. Fl-ogħla livell, il-konsumaturi jistgħu jsibu s-suġġetti ewlenin, li kull wieħed minnhom jista' jiġi espandut bi klikk ***fuqhom***, sabiex il-konsumaturi jiġu diretti lejn preżentazzjoni aktar dettaljata tal-informazzjoni rilevanti. B'dan il-mod, il-konsumatur ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa f'post wieħed, filwaqt li jżomm kontroll fuq dak li għandu jiġi rieżaminat u meta. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jniżżlu d-dokument ta' informazzjoni prekuntrattwali kollu u li jissejvjawh bħala dokument awtonomu.	(22) Meta tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali permezz ta' mezzi elettroniċi, tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata b'mod ***li huwa*** ċar***, ġust,*** li jinftiehem ***u li ma jqarraqx***. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni tista' tiġi enfasizzata, inkwadrata u kuntestwalizzata b'mod effettiv fi ħdan l-iskrin tal-wiri. It-teknika tal-layering użata ittestjata u ppruvata li hija utli għal ċerti servizzi finanzjarji; din tuża, prinċipalment il-possibbiltà li jiġu ppreżentati partijiet dettaljati tal-informazzjoni permezz ta' pop-ups jew permezz ta' links għal layers ta' akkumpanjament, jenħtieġ li tiġi mħeġġa. Mod possibbli kif tiġi pprovduta informazzjoni prekuntrattwali huwa permezz tal-approċċ ta' "werejja" bl-użu ta' intestaturi li jistgħu jespandu. Fl-ogħla livell, il-konsumaturi jistgħu jsibu s-suġġetti ewlenin, li kull wieħed minnhom jista' jiġi espandut bi klikk ***fuqu***, sabiex il-konsumaturi jiġu diretti lejn preżentazzjoni aktar dettaljata tal-informazzjoni rilevanti. B'dan il-mod, il-konsumatur ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa f'post wieħed, filwaqt li jżomm kontroll fuq dak li għandu jiġi rieżaminat u meta. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jniżżlu d-dokument ta' informazzjoni prekuntrattwali kollu u li jissejvjawh bħala dokument awtonomu. ***Meta jipprovdu l-informazzjoni relevanti, il-kummerċjanti jenħtieġ li jevitaw dark patterns jew kwalunkwe element qarrieq ieħor tad-disinn.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premess 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Għal kuntratti mill-bogħod konklużi b'mezzi elettroniċi, il-kummerċjant jenħtieġ li jipprovdi lill-konsumatur bil-possibbiltà li juża buttuna ***tal-irtirar***. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-buttuna ***tal-irtirar***, il-kummerċjant jenħtieġ li jiżgura li din tkun ***viżibbli*** u, meta l-konsumatur juża l-buttuna, il-kummerċjant jenħtieġ li jiddokumenta b'mod adegwat l-użu tagħha.	(25) Għal kuntratti mill-bogħod konklużi b'mezzi elettroniċi, il-kummerċjant jenħtieġ li jipprovdi lill-konsumatur bil-possibbiltà li ***jirtira mill-kuntratt b'mod sempliċi, faċli u mgħaġġel, pereżempju billi*** juża buttuna ***ta' rtirar***. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-buttuna ***ta' rtirar***, il-kummerċjant jenħtieġ li jiżgura li din tkun ***faċli li tinstab*** u ***viżibbli b'mod ċar***, meta l-konsumatur juża l-buttuna, il-kummerċjant jenħtieġ li jiddokumenta b'mod adegwat l-użu tagħha.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premess 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-konsumaturi jista' jkollhom bżonn assistenza biex jiddeċiedu liema servizz finanzjarju huwa l-aktar xieraq għall-ħtiġijiet u għas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod, il-kummerċjanti jipprovdu din l-assistenza fir-rigward tas-servizzi finanzjarji li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati dwar l-informazzjoni rilevanti, inklużi l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti. L-obbligu li jiġu pprovduti spjegazzjonijiet adegwati huwa partikolarment importanti meta l-konsumaturi jkollhom l-intenzjoni li jikkonkludu kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod u l-kummerċjant jipprovdi spjegazzjonijiet permezz ta' għodod online. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur jifhem l-	(26) Il-konsumaturi jista' jkollhom bżonn assistenza biex jiddeċiedu liema servizz finanzjarju huwa l-aktar xieraq għall-ħtiġijiet u għas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod, il-kummerċjanti jipprovdu din l-assistenza fir-rigward tas-servizzi finanzjarji li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati dwar l-informazzjoni rilevanti, inklużi l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti. L-obbligu li jiġu pprovduti spjegazzjonijiet adegwati huwa partikolarment importanti meta l-konsumaturi jkollhom l-intenzjoni li jikkonkludu kuntratt ta' servizz finanzjarju mill-bogħod u l-kummerċjant jipprovdi spjegazzjonijiet permezz ta' għodod online. Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur jifhem l-

effetti li l-kuntratt jista' jkollu fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu jew tagħha, il-konsumatur jenħtieġ li ***dejjem ikun*** jista' jikseb intervent uman f'isem in-negozjant.	effetti li l-kuntratt jista' jkollu fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu jew tagħha, il-konsumatur jenħtieġ li ***jkun*** jista' jikseb intervent uman f'isem in-negozjant. ***Meta jimplimentaw dik id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistinkaw biex isibu soluzzjonijiet proporzjonati li jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi żgħar u mikro.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
'(1b) l-Artikoli 1 u 2, l-Artikolu 3(2), (5) u (6), l-Artikolu 4, l-Artikoli 16a sa 16e, l-Artikolu 19, l-Artikoli 21 sa 23, l-Artikolu 24(1), (2), (3) u (4) u l-Artikoli 25 ***u*** 26 għandhom japplikaw għal kuntratti mill-bogħod konklużi bejn kummerċjant u konsumatur għall-forniment ta' servizzi finanzjarji.	'(1b) l-Artikoli 1 u 2, l-Artikolu 3(2), (5) u (6), l-Artikolu 4, ***l-Artikolu 11,*** l-Artikoli 16a sa 16e, l-Artikolu 19, l-Artikoli 21 sa 23, l-Artikolu 24(1), (2), (3) u (4) u l-Artikoli 25***,*** 26 ***u 27*** għandhom japplikaw għal kuntratti mill-bogħod konklużi bejn kummerċjant u konsumatur għall-forniment ta' servizzi finanzjarji.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1b – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ li ma jkun hemm ebda ftehim inizjali ta' servizz imma l-operazzjonijiet suċċessivi jew l-operazzjonijiet separati tal-istess natura jiġu mwettqa tul iż-żmien bejn l-istess partijiet kontraenti, l-Artikolu 16a u 16d japplikaw biss meta titwettaq l-ewwel minn serje ta' operazzjoni suċċessivi jew operazzjonijiet separati tal-istess natura mwettqa matul

	iż-żmien. Madankollu, jekk ebda operazzjoni tal-istess natura ma titwettaq għal iktar minn sena, l-operazzjoni li jmiss titqies li tkun l-ewwel f'serje ġdida ta' operazzjonijiet u, għalhekk, għandhom japplikaw l-Artikoli 16a u 16d.'

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji ***għall-konsumatur***	Rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod, jew bi kwanlunkwe offerta korrispondenti, il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u li jinftiehem:	1. ***Fi żmien xieraq*** qabel ma l-konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod, jew bi kwanlunkwe offerta korrispondenti, il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar u li jinftiehem:

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identità u n-negozju ewlieni tal-kummerċjant;	(a) l-identità u n-negozju ewlieni tal-kummerċjant ***u, meta applikabbli, dik tal-kummerċjant li jkun qed jaġixxi f'ismu***;

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indirizz ġeografiku fejn il-kummerċjant huwa stabbilit kif ukoll in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tal-kummerċjant; barra minn hekk, meta l-kummerċjant jipprovdi mezzi oħra ta' komunikazzjoni online li jiggarantixxu li l-konsumatur jista' jżomm kwalunkwe korrispondenza bil-miktub, inklużi d-data u l-ħin ta' tali korrispondenza, mal-kummerċjant fuq mezz durabbli, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dettalji ta' dawk il-mezzi l-oħra; dawk il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni pprovduti mill-kummerċjant għandhom jippermettu lill-konsumatur jidħol f'kuntatt malajr mal-kummerċjant u jikkomunika b'mod effikaċi miegħu; fejn applikabbli, il-kummerċjant għandu jagħti wkoll l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi;	(b) l-indirizz ġeografiku fejn il-kummerċjant huwa stabbilit kif ukoll in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tal-kummerċjant; barra minn hekk, meta l-kummerċjant jipprovdi mezzi oħra ta' komunikazzjoni online li jiggarantixxu li l-konsumatur jista' jżomm kwalunkwe korrispondenza bil-miktub, inklużi d-data u l-ħin ta' tali korrispondenza, mal-kummerċjant fuq mezz durabbli, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dettalji ta' dawk il-mezzi l-oħra; dawk il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni pprovduti mill-kummerċjant għandhom jippermettu lill-konsumatur jidħol f'kuntatt malajr mal-kummerċjant u jikkomunika b'mod effikaċi miegħu; fejn applikabbli, il-kummerċjant għandu jagħti wkoll l-indirizz ġeografiku u l-identità***, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika*** tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi;

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jekk differenti mill-indirizz ipprovdut skont il-punt (b)***, ***l-indirizz ġeografiku tal-post tan-negozju tal-kummerċjant***, ***u fejn applikabbli dak tal-kummerċjant li f'ismu jkun qed jaġixxi***, ***fejn il-konsumatur*** jista' jindirizza ***kwalunkwe ilment***;	(c) ***l-informazzjoni, inklużi n-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika***, ***dwar kif il-konsumatur jista' jaċċedi għal rimedji effettivi meta jkun soġġett għal prattiki inġusti***, ***qarrieqa jew frawdolenti, dwar id-dritt għall-aċċess għall-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim u***, ***lil min u fejn*** jista' jindirizza ***l-ilmenti***;

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-kummerċjant huwa rreġistrat f'negozju jew reġistru pubbliku simili, ir-reġistru ***tan-negozju*** li fih huwa mniżżel il-kummerċjant u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu jew mezz ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru;	(d) meta l-kummerċjant huwa rreġistrat f'negozju jew reġistru pubbliku simili, ir-reġistru li fih huwa mniżżel il-kummerċjant u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu jew mezz ekwivalenti ta' identifikazzjoni f'dak ir-reġistru;

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) meta l-attività tal-fornitur tkun soġġetta għal skema ta' awtorizzazzjoni, ***id-dettalji*** tal-awtorità superviżorja rilevanti;	(e) meta l-attività tal-fornitur tkun soġġetta għal skema ta' awtorizzazzjoni, ***l-isem u l-indirizz*** tal-awtorità superviżorja rilevanti;

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) meta rilevanti, l-informazzjoni dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mal-kuntratt ta' servizzi finanzjarji, bħall-pagamenti tard/maqbuża;

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) meta applikabbli, li l-prezz kien personalizzat abbażi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat;	(h) meta applikabbli, ***l-informazzjoni*** li l-prezz kien personalizzat abbażi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat;

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) fejn rilevanti notifika li tindika li s-servizz finanzjarju huwa relatat ma' strumenti li jinvolvu riskji speċjali relatati mal-fatturi speċifiċi tagħhom jew l-operazzjonijiet li jridu jiġu eżegwiti jew li l-prezz tagħhom jiddependi fuq iċ-ċaqliq fis-swieq finanzjarji li mhuwiex fil-kontroll tal-kummerċjant u li l-prestazzjonijiet storiċi ma humiex indikaturi ta' prestazzjonijiet futuri;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) f'liema lingwa, jew lingwi, it-termini u l-kundizzjonijiet kontrattwali, u l-informazzjoni ta' qabel imsemmija f'dan l-Artikolu huma forniti, u barra minn hekk f'liema lingwa, jew lingwi, il-kummerċjant, bi qbil mal-konsumatur, jimpenja ruħu li jikkomunika tul id-durata tal-kuntratt mill-bogħod;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1 – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) l-indikazzjoni tal-protezzjoni tad-data personali tal-konsumatur u dwar l-użu ta' tali data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (f), (g), u (p) għandha tintwera fuq l-ewwel paġna b'mod prominenti.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' komunikazzjonijiet bit-telefon, l-identità tal-kummerċjant u l-iskop kummerċjali ***tat-telefonata*** mibdija mill-kummerċjant għandhom ikunu ċari b'mod espliċitu fil-bidu ta' kwalunkwe konverżazzjoni mal-konsumatur.	Fil-każ ta' komunikazzjonijiet bit-telefon ***jew mezz ieħor ta' kommunikazzjoni remota***, l-identità tal-kummerċjant u l-iskop kummerċjali ***tal-kommunikazzjoni*** mibdija mill-kummerċjant għandhom ikunu ċari b'mod espliċitu fil-bidu ta' kwalunkwe konverżazzjoni mal-konsumatur. ***Il-kummerċjant għandu jinnotifika wkoll lill-konsumatur meta t-telefonata tkun jew tista' tiġi rrekordjata.***

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jekk kuntratt mill-bogħod li għandu jiġi konkluż b'mezzi elettroniċi jimponi lill-konsumatur l-obbligu li jħallas, il-kummerċjant għandu jgħarrfu b'mod ċar u evidenti bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 16a(1), il-punti (f), (g), (i), (l), (m) u (q), immedjatament qabel ma l-konsumatur jagħmel l-ordni. Il-kummerċjant għandu jiżgura li, meta ssir l-ordni, il-konsumatur jirrikonoxxi espliċitament li l-ordni timplika l-obbligu ta' pagament. Jekk biex issir l-ordni jfisser li tiġi azzjonata buttuna jew funzjoni simili, il-buttuna jew il-funzjoni simili għandhom juru b'mod faċilment leġibbli l-kliem "Ordni b'obbligu ta' pagament" biss jew formulazzjoni korrispondenti inekwivokabbli li tindika li l-fatt li saret l-ordni jimplika obbligu li

	jsir pagament lill-kummerċjant. Jekk il-kummerċjant ma josservax dan l-obbligu stabbilit f'dan il-paragrafu, il-konsumatur ma għandux ikun marbut bil-kuntratt jew bl-ordni.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kummerċjant għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***mill-inqas jum*** qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt mill-bogħod.	Il-kummerċjant għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***fi żmien xieraq*** qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt mill-bogħod.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi pprovduta ***anqas minn jum*** qabel ma l-konsumatur ikun marbut bil-kuntratt mill-bogħod, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kummerċjant jibgħat tfakkira, fuq mezz durabbli, lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-kuntratt mill-bogħod u dwar il-proċedura li jrid isegwi għall-irtirar, f'konformità mal-Artikolu 16b. Dik it-tfakkira għandha tingħata lill-konsumatur**,** mhux ***aktar tard*** minn ***jum*** wara l-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod.	Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi pprovduta ***fi żmien xieraq*** qabel ma l-konsumatur ikun marbut bil-kuntratt mill-bogħod, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kummerċjant jibgħat tfakkira, fuq mezz durabbli, lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-kuntratt mill-bogħod u dwar il-proċedura li jrid isegwi għall-irtirar, f'konformità mal-Artikolu 16b. Dik it-tfakkira għandha tingħata lill-konsumatur ***mill-anqas jum wara u*** mhux ***anqas*** minn ***sebat ijiem*** wara l-konklużjoni tal-kuntratt mill-bogħod.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ***tkun disponibbli għall-konsumatur*** fuq mezz durabbli u ***ppreżentata*** b'mod li jkun faċli jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jinqara.	L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ***tiġi pprovduta lill-konsumatur*** fuq mezz durabbli u ***tkun leġibbli u b'lingwaġġ sempliċi u*** b'mod li jkun faċli jinqara, bl-użu ta' karattri ta' daqs li jinqara.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ***li l-kummerċjant jagħmel*** layering tal-informazzjoni, għandu jkun possibbli li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***tiġi stampata*** bħala dokument wieħed.	F'każ ***ta'*** layering tal-informazzjoni, għandu jkun possibbli li ***wieħed jara, jissejvja u jistampa*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 bħala dokument wieħed.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni minn dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każ li l-kummerċjant ikun naqas sostanzjalment milli jipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni meħtieġa jew it-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, il-perjodu ta' rtirar għandu jiskadi wara 14-il jum u 12-il xahar mill-jum li fih ġie konkluż il-kuntratt mill-bogħod.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) servizzi finanzjarji li l-prezz tagħhom jiddependi fuq movimenti fis-suq finanzjarju lil hinn mill-kontroll tal-kummerċjanti, li jistgħu jseħħu tul il-perjodu tal-irtirar, bħal servizzi relatati ma':	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 2 – punt a – inċiż 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— kriptoassi kif definiti fl-[Artikolu 3(1)(2) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-	***imħassar***

Direttiva (UE) 2019/193 24.9.2020 COM (2020) 593 final].

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, għal kuntratti mill-bogħod konklużi b'mezzi elettroniċi, il-kummerċjant*** jipprovdi l-possibbiltà li tintuża buttuna ta' rtirar sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar mill-konsumatur. Din il-buttuna għandha tkun ittikkettjata b'mod ċar bil-kliem "Irtira mill-Kuntratt" jew formulazzjoni korrispondenti mhux ambigwa.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-kummerċjant*** jipprovdi l-possibbiltà li tintuża buttuna ta' rtirar sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar mill-konsumatur. Din il-buttuna għandha tkun ittikkettjata b'mod ċar bil-kliem "Irtira mill-Kuntratt" jew formulazzjoni korrispondenti mhux ambigwa ***u għandha tkun faċli biex tinstab mill-konsumatur. L-użu tal-buttuna ta' rtirar għandu jiżgura li l-konsumatur jista' jirtira mill-kuntratt b'mod sempliċi u malajr.***

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-buttuna ***tal-irtirar*** għandha titqiegħed b'mod prominenti u tkun disponibbli b'mod permanenti matul il-perjodu kollu ta' rtirar fuq l-istess interfaċċja elettronika li tintuża biex jiġi konkluż il-kuntratt mill-bogħod. Flimkien ma' dan, il-kummerċjant jista' jipprovdi wkoll il-buttuna ta' rtirar permezz ta' kanal ieħor.	Il-buttuna ***ta' rtirar*** għandha titqiegħed b'mod prominenti u tkun disponibbli b'mod permanenti matul il-perjodu kollu ta' rtirar fuq l-istess interfaċċja elettronika li tintuża biex jiġi konkluż il-kuntratt mill-bogħod***. Il-posta elettronika ta' konferma tal-konklużjoni ta' kuntratt, jekk tintbagħat, għandha tinkludi wkoll buttuna ta' rtirar viżibbli b'mod ċar.*** Flimkien ma' dan, il-kummerċjant jista' jipprovdi wkoll il-buttuna ta' rtirar permezz ta' kanal ieħor.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kummerċjant għandu jiżgura li l-attivazzjoni tal-buttuna ta' rtirar tirriżulta f'avviż ta' konferma fil-pront lill-konsumatur li d-dritt ta' rtirar ġie eżerċitat, li għandu jinkludi d-data u l-ħin tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar. Il-konferma tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar għandha tiġi pprovduta mill-kummerċjant lill-konsumatur fuq mezz durabbli.	Il-kummerċjant għandu jiżgura li l-attivazzjoni tal-buttuna ta' rtirar ***sempliċi*** tirriżulta f'avviż ta' konferma fil-pront lill-konsumatur li d-dritt ta' rtirar ġie eżerċitat, li għandu jinkludi d-data u l-ħin tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar. Il-konferma tal-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar għandha tiġi pprovduta mill-kummerċjant lill-konsumatur fuq mezz durabbli.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16b – paragrafu 5 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-konsumaturi għandhom jiġu mitluba jidentifikaw lilhom infushom u l-kuntratt li huma jixtiequ jirtiraw minnu. Il-konsumatur għandu sussegwentement jintalab jikkonferma l-irtirar mill-kuntratt b'buttuna mmarkata "Irtira mill-Kuntratt" jew formulazzjoni korrispondenti mhux ambigwa.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornitur għandu, mingħajr dewmien bla bżonn u sa mhux iktar minn 30 jum tal-kalendarju, jirritorna lill-konsumatur kwalunkwe somma li l-kummerċjant ikun irċieva mingħandu f'konformità mal-kuntratt mill-bogħod, ħlief għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-fornitur jirċievi n-notifika tal-irtirar.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2011/83/UE
Artikolu 16c – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-konsumatur għandu jirritorna lill-kummerċjant kwalunkwe somma li jkun irċieva mill-kummerċjant mingħajr dewmien bla bżonn u mhux aktar tard minn 30 jum tal-kalendarju. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih il-konsumatur jirtira mill-kuntratt.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux aktar tard minn [***24*** xahar ***mill-adozzjoni]*** il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-	L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw**,** sa **...** mhux aktar tard minn [***18-il*** xahar ***wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja],*** il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test

Kummissjoni.	ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn ***[id-data*** wara ***24 xahar mill-adozzjoni].***	Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn ***... [18-il xahar*** wara ***d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja]***

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE
Referenzi	COM(2022)0204 – C9-0175/2022 – 2022/0147(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 18.5.2022
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 18.5.2022
Kumitati assoċjati **Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja**	24.11.2022
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Stéphanie Yon-Courtin 21.6.2022
Eżami fil-kumitat	25.10.2022 30.11.2022
Data tal-adozzjoni	24.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Csaba Molnár, Denis Nesci, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Dorien Rookmaker, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Dorfmann, Gianna Gancia, Eider Gardiazabal Rubial, Valérie Hayer, Eugen Jurzyca, Chris MacManus, Ville Niinistö, Erik Poulsen, René Repasi
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Pierre Larrouturou, Theresa Muigg, Alessandro Panza

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
ECR	Denis Nesci
ID	Susanna Ceccardi, Gianna Gancia, Valentino Grant, France Jamet, Alessandro Panza, Marco Zanni
NI	Andor Deli
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Herbert Dorfmann, Markus Ferber, José Manuel Fernandes, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Valérie Hayer, Billy Kelleher, Georgios Kyrtsos, Eva Maria Poptcheva, Erik Poulsen, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Marek Belka, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Pierre Larrouturou, Pedro Marques, Csaba Molnár, Theresa Muigg, René Repasi, Joachim Schuster, Paul Tang, Irene Tinagli
The Left	José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Claude Gruffat, Philippe Lamberts, Ville Niinistö, Piernicola Pedicini, Ernest Urtasun

4	-
ECR	Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Dorien Rookmaker, Johan Van Overtveldt

1	0
Verts/ALE	Stasys Jakeliūnas

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni